MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 290/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**

Katya Victoria Camilleri

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Lulju, 2006, ghall-habta tas-7.30 p.m., hdejn l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta w fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta :**

**1) ingurjat u heddet bil-kliem lil William Camilleri;**
**2) fil-pubbliku qalet kliem oxxen;**
**3) u kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha;**
**4) fl-istess data u hin fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, saqet vettura nru. AAM-335 ta' ghamla "Hyundai" b'manjiera perikoluza;**
**5) b'manjiera traskurata;**
**6) u kontra s-sinjali tat-traffiku ndikati f'dik il-lokalita';**

**7) kif ukoll kontra d-direzzjoni tat-traffiku fl-istess triq.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Settembru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2) Kap. 65, 339 (e) Kap. 9 u AL 94/69, sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi kollha hlief ghar-raba’ akkuza stante li ma kienitx pruvata, w ikkundannatha ghall-hlas t’ammenda ta’ LM20 fuq l-ewwel, it-tieni, is-sitt u s-seba’ akkuza w multa ta’ LM20 fuq il-hames akkuza filwaqt li lliberatha fuq ir-raba’ akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-15 ta’ Settembru, 2006, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tammetti bhala xhud lil Justin Camilleri iben l-appellanti, tirrevoka s-sentenza appellata w okkorrendo jirrinvja l-atti lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jinstema mill-gdid.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat l-aggravji tal-appellanti;**

**Rat il-fedina penali tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;;**

**Rat il-verbal li bih din il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-Prosekuzzjoni w tad-difiza li fis-sentenza appellata ma gewx citati l-artikoli kollha tal-ligi li joholqu r-reati li taghhom instabet hatja l-appellanti;**

**Rat li l-partijiet b’ verbal qablu li dan igib in-nullita’ tas-sentenza appellata u li jkun il-kaz li din il-Qorti tirrinvija l-process lill-Ewwel Qorti biex terga tinghata s-sentenza skond il-ligi.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-appellanti giet akkuzata b’ seba imputazzjonijiet . L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata iddikjarat li qed issibha hatja tal-imputazzjonijiet kollha hlief tar-raba’ imputazzjoni ta’ sewqan b’manjiera perikoluza. Izda meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li joholqu r-reat li**

**tahthom instabet htija semmiet biss l-artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kap.65, l-artikolu 339 (e) tal-Kodici Kriminali (Kap.9) u l-Avviz Legali 94/69.**

**Illi fil-waqt li l-artikolu 15 (1)(a) jirriferi ghar-reati ta' sewqan b' manjiera perikoluza li minnu l-appellanti giet liberata jirriferi ukoll ghar-reat ta' sewqan traskurat, li tieghu l-appellanti nstabet hatja, s-sub-artikolu (2) jirriferi ghall-piena erogabbli fil-kaz ta' sewqan bi traskuragni kbira jew perikoluz, li tieghu ma nstabitx hatja. Hu s-subartikolu (3) li jispecifika x' ghandu jkun il-periodu ta' sospensjoni ghall kull reat iehor li ma jaqax taht is-subartikolu (2). Dan, ghalkemm skorrett, pero' wahdu ma jgibx in-nullita' tas-sentenza ghaliex in effetti s-subartikolu li johloq ir-reat hu s-sub-artikolu (1) ghax iz-zewg subartikoli l-ohra (2) u (3) jirrigwardaw biss id-doza tal-piena ghar-rigward tas-sospensjoni mill-licenzja tas-sewqan**

**Pero', fil-kaz tat-tieni w t-tielet imputazzjoni, cioe' dik ta' kliem oxxen fil-pubbliku w kliem fahxi li jikkonsisti f' dagha, ma giex citat l-artikolu relattiv li johloq ir-reat u cioe' l-artikolu 338 (bb) abbinat ukoll mal-artikolu 342 li jikkarga l-piena meta l-kontravvenzjoni taht l-artikolu 338 (bb) tkun tikkonsisti fi kliem jew espressjonijiet ta' dagha. Umbaghad fir-rigward tas-sitt u seba' imputazzjonijiet gie citat biss in-numru tal-Avviz Legali 94/69 minghajr ma gew citati ir-regolamenti specifici li joholqu r-reati hemm kontemplati.**

**Ikkonsidrat;**

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, <u>ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati,</u> taghti l-piena w <u>ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata.**

**Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia**" [25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [9.9.2002];** "Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat" **[10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**" [24.4.2002], "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**" [14.9.2004]; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et" **[19.5.2005] ;** "Il-Pulizija vs. Stefan Abela" **[2.2.2006] u ohrajn).**

**Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*" ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim.** "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra" **[26.5.1994]** ; "Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**" [6.1.2005] u ohrajn)**

**Pero' kif gie ukoll ritenut l-annullament tas-sentenza ma ghandux jikkolpixxi dawk l-imputazzjonijiet li l-akkuzat ikun gie liberat minnhom bis-sentenza appellata. Li ghandu jsir f' dawn il-kazijiet hu li din il-Qorti thassar u tannulla <u>biss parzjalment</u> dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie misjub hati w li hija effettwata b' dawn in-nuqqasijiet procedurali w thalli mhux mittiefsa l-partijiet fejn l-appellant gie liberat, ghax altrimenti jkun ingust li l-Ewwel Qorti terga' tinvesti mill-gdid fil-mertu akkuza li l-appellanti gja giet liberata minnha mill-Ewwel Qorti, u dan ghaliex kieku jsir hekk, ikun qieghed indirettament jigi estiz id-dritt t' Appell tal-Avukat Generali bi ksur tal-artikolu 413 tal-Kap.9. (ara App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Charles Micallef" **[23.6.1995]).**

**Ghaldaqstant, f'dan l-istadju, din il-Qorti trid, kif del resto qablu l-prosekuzzjoni w d-difiza ,"*ex officio*" tannulla s-sentenza appellata w tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex jigi rettifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma ccitatx l-artikoli kollha tal-ligi li tahthom kienet qed issib il-htija.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata hlief fil-parti fejn illiberat lill-appellanti mir-raba' imputazzjoni ta' sewqan b' manjiera perikoluza, w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabiex l-appellanti terga' titpogga fil-pozizzjoni li kienet immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------